IR-RABAT

# KUNSILL LOKALI IR-RABAT
# IS-SEBA' LEĠIŻLATURA
# MINUTI TAL-LAQGĦA NUMRU G 49

* **Il-Kunsill iltaqa` nhar**
**It-Tlieta 9 ta' Frar 2016 fis-7.00 pm**
**fl-Uffiċċji Amministrattivi f'nru 8, Triq l-Isptar, Ir-Rabat** — Data u ħin

** **Preżenti għal-Laqgħa:** — Attendenza

| | |
|---|---|
| Is-Sur Charles Azzopardi | Sindku |
| Is-Sur Nazju Cassar | Kunsillier |
| Is-Sur Peter Paul Azzopardi | Kunsillier |
| Is-Sur Paul Grech | Kunsillier |
| Is-Sur Andrew Mallia | Kunsillier |
| Is-Sur Stephen Borg | Kunsillier |
| Is-Sur Rudolf Grima | Kunsillier |
| Is-Sur Christian Azzopardi | Ambaxxatur |
| Is-Sna Orietta Cardona | Segretarju Eżekuttiv |

**Skużati:**

| | |
|---|---|
| Is-Sra Doris Coleiro | Viċi Sindku |
| Is-Sur Ian Vassallo | Kunsillier |

## 1.00 Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 48

1.01 Il-minuti tas-seduta numru G48 ġew meħuda bħala moqrija u approvati unanimament mingħajr ebda emenda u ffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv. — Konsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti – Seduta numru G 48

## 2.00 Punti li joħorġu mill-Minuti G 48 — Punti li joħorġu mill-Minuti G 48

2.01 2.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-kumpanija *Green MT* kienet għadha ma neħħitx il-*bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok hekk kif mitlub mill-Kunsill. — *Bring-in-sites* ta' Misraħ il-Forok

2.02 2.03 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-intervent mill-*Pest Control Unit* kien sar. — Influss ta' ħamiem

| | | |
|---|---|---|
| 2.03 | 8.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li l-ittra lill-Ministru Konrad Mizzi kienet intbagħtet. | *Wind Farm* fir-Rabat |

## 3.00 Komunikazzjoni mis-Sindku inkluż korrispondenza

3.01 Is-Sindku informa l-laqgħa dwar korrispondenza numru **50/1346/15** riċevuta mis-Sindku tas-Siġġiewi. Huwa qal li l-Kunsill kien qiegħed jiġi mitlub sabiex jagħti l-kummenti tiegħu dwar proposta għall-bidla fl-arranġament tat-traffiku li l-Kunsill Lokali tas-Siġġiewi għamel lil Transport Malta, peress li tali arranġamenti jista' jaffettwa t-traffiku li jkun ġej minn naħa tar-Rabat. — *Talba mill-Kunsill tas-Siġġiewi*

Wara diskussjoni li saret il-Kunsill ma sabx oġġezzjoni għal dan l-arranġament peress li tali bidla ser tinvolvi toroq residenzjali fil-konfini tas-Siġġiewi u li jinsabu numru ta' kilometri 'l bogħod mil-lokalità tar-Rabat.

3.02 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0122/14,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva talba mingħand is-Sur Aris Cefai fejn qiegħed jitlob li fir-Rabat tissemma triq għall-Kanonku Dekan Carmelo Cefai. — *Talba sabiex tissemma triq għal Kanonku Dekan Carmelo Cefai*

Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Kumitat tal-Ismijiet tat-Toroq sabiex Triq is-Siġar jinbidlilha l-isem u tissema għall-Kanonku Dekan Carmelo Cefai. Issekonda din il-proposta il-Kunsillier Rudolf Grima. Il-Kunsill qabel unanimament.

3.03 Is-Sindku qal li hemm diversi toroq li għandhom bżonn manutenzjoni, għaldaqstant huwa ppropona li jsir b' €7,000 *patching*. Il-Kunsillier Nazju Cassar issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Xogħlijiet infrastrutturali f'diversi toroq*

3.04 Is-Sindku ppropona li jiġu installati l-ewwel żewġ bozoz ġodda li l-Kunsill għandu fuq il-*waiting list*. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Installazzjoni ta' żewġ bozoz ġodda*

3.05 Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jerġa' jibgħat *reminder* lill-Kummissarju tal-Artijiet dwar l-istat ta' telqa li jinsab fih iċ-Ċentru Ċiviku kif ukoll dwar il-lift tal-istess Ċentru Ċiviku. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. — *Reminder lill-Kummissarju tal-Artijiet*

** Il-Kunsillier Rudolf Grima talab li jiġi skużat fis-7.10 ta' filgħaxija.

Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi daħal għal-laqgħa fis-7.10 ta' filgħaxija.

## 4.00 Pjan ta' Ħidma għal tliet snin

4.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ippreżenta l-Pjan ta' Ħidma 2016 - 2018 fejn ġie diskuss bejn il-Kunsilliera preżenti. — *Pjan ta' ħidma 2016 -2018*

Is-Sindku ppropona li l-Pjan ta' Ħidma jiġi approvat hekk kif ippreżentat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja ta' dan il-Pjan ta' Ħidma tinsab annessa ma' dawn il-minuti.

## 5.00 *Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-impjegati

5.01 Is-Segretarju Eżekuttiv kien mistoqsi dwar il-*performance* tal-impjegati u wieġbet li hija kienet iltaqgħet mal-impjegati u flimkien magħhom iddiskutiet il-pożittiv u n-negattiv tal-*performance* tagħhom. Hija sostniet li minkejja li xi drabi jkun hemm xi nuqqasijiet, l-aspetti pożittivi jiżbqu bil-bosta n-negattiv li wieħed jista' jkollu. Għal dan il-għan hija kienet qiegħda tirrakkomanda l-massimu tal-*performance bonus* ta' 6% lill-impjegati kollha.

*Performance Appraisal* tas-Segretarju Eżekuttiv u tal-Impjegati

Is-Sindku ppropona li l-Kunsill jaqbel mar-rakkomandazzjoni tas-Segretarju Eżekuttiv. Din il-proposta ġiet issekondata mill-Kunsillier Nazju Cassar. Il-Kunsill qabel unanimament.

5.02 Is-Sindku kkwota dak li kiteb fil-*performance appraisal form* tas-Segretarju Eżekuttiv fejn faħħar il-ħidma tagħha. Huwa ppropona li s-Segretarju Eżekuttiv tingħata l-massimu tal-*performance bonus,* dak ta' 10%. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 6.00 Awtorizzazzjoni tal-Ħlasijiet

6.01 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded il-polza tal-assikurazzjoni tal-flus għas-sena 2015. Il-*premium* huwa ta' €63. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-polza tal-assikurazzjoni tal-flus 2016

6.02 Is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li kien reġa' wasal iż-żmien biex il-Kunsill iġedded l-iskema tas-saħħa għall-impjegati u għall-membri tal-Kunsill għas-sena 2016. Il-*premium* għal kull persuna nxurjata huwa ta' €55. Is-Sindku ppropona li l-polza tiġi mġedda. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din l-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Tiġdid tal-iskema tas-saħħa 2016

6.03 Is-Sindku ppropona li l-kuntrattur *Mica Med Limited* jingħata l-aħħar pagament ta' €930.48 li kien fadallu jieħu għal xogħol li għamel fil-Pjazza ta' San Pawl. Dan wara li f'seduta G45 il-Kunsill ma approvax pagament numru 7971 peress li d-dawl f'din il-Pjazza kien reġa' jinsab mitfi. Huwa qal li l-problema tad-dawl tal-Pjazza issa kienet giet solvuta. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

Pagament lill-kuntrattur *Mica Med Ltd*

** Il-Kunsillier Stephen Borg daħal għal-laqgħa fis-7.16 ta' filgħaxija.

6.04 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-iskeda tal-ħlasijiet numru 254 tiġi approvata. Issekondaw din il-proposta l-Kunsillier Peter Paul Azzopardi u l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

L-iskeda tal-ħlasijiet numru 254

## 7.00 Korrispondenza

7.01 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/1143/15** dwar ħatra ta' Presidenti

Ħatra ta' Presidenti

tal-Kunsilli Skolastiċi, is-Sindku ppropona li l-Kunsill jitlob l-approvazzjoni tal-Ministru għall-Edukazzjoni sabiex s-Sna Evelyn Micallef tiġi maħtura president tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskejjel Primarji A u B u li s-Sur Godwin Carmel Abela jiġi maħtur president tal-Kunsill Skolastiku tal-Iskola Primarja tal-Baħrija. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. tal-Kunsilli Skolastiċi

7.02 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill Memo 6/2016 dwar Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali. Wara diskussjoni li saret il-Kunsill b'mod unanimu ma qabilx li l-ħin tal-ġbir tal-iskart fil-lokalità għandu jinbidel għaliex għalkemm il-ħin tal-ġbir huwa fir-*rush hour* dan mhux qed jaffettwa t-traffiku fil-lokalità. Il-Kunsill baqa' jsostni mat-tweġiba mogħtija lid-Dipartiment għall-Gvern Lokali għall-Memo 19/2015. Memo 6/2016 - Ħinijiet ta' Ġbir ta' Skart mill-Kunsilli Lokali

Is-Sindku ppropona li għalkemm il-Kunsill unanimament mhux jaqbel li l-ħin tal-ġġir tal-iskart għandu jinbidel, huwa ppropona li l-Kunsill jiltaqa' mal-kuntrattur tal-ġbir tal-iskart u mal-kumpanija li tiġbor l-iskart reċiklabbli u flimkien magħhom tiġi diskussa din il-materja. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.03 Is-Sindku ġab għall-attenzjoni tal-Kunsill korrispondenza numru 50/0117/16 riċevuta mid-Dipartiment għall-Gvern Lokali dwar *Resurfacing* ta' Toroq mill-Kunsilli Lokali. *Resurfacing* ta' Toroq mill-Kunsilli Lokali.

Wara diskussjoni li saret is-Sindku ppropona li fit-tliet snin li ġejjin isiru Triq San Bastjan, Triq Inguanez, Triq l-Iskultura u jekk il-fondi jippermettu ssir ukoll Triq San Piju V. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimamnet.

7.04 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0107/16,** is-Sindku informa l-laqgħa li l-Kunsill kien irċieva kopja ta' petizzjoni miġbura minn diversi residenti u individwi li jagħmlu użu mit-toroq fil-limiti ta' Binġemma, fejn dawn qegħdin jitolbu lill-awtoritajiet kompetenti sabiex l-imsemmija triq tiġi asfaltata. Petizzjoni – Toroq fil-limiti ta' Binġemma

Is-Sindku ppropona li tali petizzjoni tinbagħat f'isem dawn ir-residenti u individwi lill-Ministru konċernat. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Paul Grech. Il-Kunsill qabel unanimament.

7.05 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0060/16** is-Sindku informa l-laqgħa li r-Reġjun kien għaddej b'taħdidiet mal-kumpanija *TCTC* dwar korsijiet għall-adulti bl-isem 'MCitizen' li huma ppjanati li jsiru fil-Kunsilli Lokali. Hu qal li kull Kunsill Lokali li ser jipparteċipa ser ikun qed iħallas *participation fee* li hija ta' bejn €250-€350. Is-Sindku ppropona li l-Kunsill għandu joffri dawn il-korsijiet lill-komunità Rabtija. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Andrew Mallia. Il-Kunsill qabel unanimament. Korsijiet tal-kompjuter 'MCitizen'

7.06 B'referenza għall-korrispondenza numru **50/0074/16** dwar Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *LifeLong Learning* 2015-2016 (Memo 5/2015) is-Segretarju Eżekuttiv infurmat il-laqgħa li t-talba tal-Kunsill għal din l-applikazzjoni kienet giet milqugħa. Skema ta' Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *LifeLong Learning* 2015-2016 (Memo 5/2015)

**8.00 Memo 4/2016 – Skema dwar Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2016-2017**

8.01 Wara diskussjoni li saret dwar Memo 4/2016 - Skema ta' Għajnuna Finanzjarja Memo 4/2016 –

għal Korsijiet *Lifelong Learning* 2016-2017, l-Kunsill innota li mhux ser ikun possibbli li jibqa joffri tali korsijiet peress li waħda mir-rekwiżiti hija li l-post irid ikun aċċessibbli skont ir-rekwiżiti tal-KNDP. Skema dwar Għajnuna Finanzjarja għall-Korsijiet *Lifelong Learning* 2016-2017

Is-Sindku saħaq li l-Kunsill bħas-snin l-imgħoddija jixtieq ikompli joffri dawn il-korsijiet lir-residenti. Għaldaqstant ippropona li nippruvaw nagħmlu arranġamenti ma' xi waħda mill-iskejjel fil-lokal. Huwa ppropona li l-Kunsill xorta jitfa' l-applikazzjoni tiegħu għal żewġ korsijiet, li huma Malti u Ingliż (*Level* 2). Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

**9.00 Tiġdid tal-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini - RLC/T/126/13**

9.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/T/126/13, għall-kostruzzjoni ta' bankini jiġi mġedded għal-sena oħra. Il-Kunsillier Stephen Borg issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Tiġdid tal-offerta għall-kostruzzjoni ta' bankini - RLC/T/126/13

** Il-Kunsillier Nazju Cassar talab li jiġi skużat fit-8.30 ta' filgħaxija

**10.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għal Żbir ta' Siġar – RLC/Q/0084/13**

10.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/Q/0084/13, għal zbir ta' siġar jiġi mġedded għal sena oħra. Il-Kunsillier Peter Paul Azzopardi ssekonda din l-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Tiġdid tal-kwotazzjoni għal Żbir ta' Siġar – RLC/Q/0084/13

**11.00 Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' - RLC/Q/0085/13**

11.01 Is-Sindku Charles Azzopardi ppropona li l-kuntratt RLC/Q/0085/13, għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' jiġi mġedded għal sena oħra. Il-Kunsillier Andrew Mallia ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Tiġdid tal-kwotazzjoni għall-pubblikazzjoni tal-fuljett tal-Kunsill 'Ir-Rabta' - RLC/Q/0085/13

**12.00 Minuti Kumitat Amministrattiv tal-Virtù – Seduti numru B17 u B18**

12.01 Il-Kunsillier Paul Grech ppropona li l-minuti tal-Kumitat Amministrattiv tal-Virtù B17 u B18 jittieħdu bħala moqrija. Is-Sindku ssekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament. Kopja tal-imsemmija minuti tinsab annessa ma' dawn il-minuti. Minuti KA Virtù B17 u B18

**13.00 Materji Oħra**

13.01 Is-Segretarju Eżekuttiv ippreżentat talba mill-imjegata tal-Kunsill is-Sra Roberta Galea fejn qed tagħmel talba lill-Kunsill għal *Qualification Allowance* għal ċertifikat li kisbet fil-Qari tal-Provi bil-Malti li huwa ekwivalenti għal Diploma MQF Level 5 u dan skont il-ftehim kollettiv tal-ħaddiema klerikali tal-Kunsilli Lokali. Il-Kunsillier Andrew Mallia ppropona li t-talba tiġi approvata. Issekonda din il-proposta s-Sindku Charles Azzopardi. Il-Kunsill qabel unanimament. Talba għal *Qualification Allowance*

13.02 Il-Kunsillier Stephen Borg ippropona li jsir *patching* fil-Wesgħa tal-Mużew ħdejn ir-*roundabout* ta' San Ġużepp u fi Triq tat-Torri. Il-Kunsillier Paul Grech issekonda din il-proposta. Il-Kunsill qabel unanimament.

*Patching* fil-Wesgħa tal-Mużew u Triq Tat-Torri

13.03 Is-Sindku informa l-laqgħa dwar korrispondenza numru **50/0129/16** riċevuta mis-Segretarju tal-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl. Huwa qal li l-Kumitat kien qiegħed jitlob li l-Kunsill jagħmel stedina uffiċjali lis-Sindku ta' Solarino sabiex jiġi jżur il-lokalità Rabtija għal festa ta' San Pawl.

Talba mill-Kumitat Festi Esterni Corpus Domini u San Pawl

Is-Sindku ppropona li tali talba tiġi milqugħa. Issekonda din il-proposta l-Kunsillier Stephen Borg. Il-Kunsill qabel unanimament.

## 14.00 Data tas-seduta li jmiss

14.01 Il-Kunsill qabel li l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss għandha ssir nhar it-Tlieta 8 ta' Marzu 2016 fis-7.00 ta' filgħaxija.

Data tas-seduta li jmiss

14.02 Il-laqgħa ntemmet fid-8.45 ta' filgħaxija.

Minuti approvati llum it-Tlieta ... 8 ... ta' Marzu ... 2016

**Charles Azzopardi**
**Sindku**

**Orietta Cardona**
**Segretarju Eżekuttiv**